MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 193/2005

**Middlesea Insurance p.l.c. kif tinsab surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Anthea Anastasi u l-istess Anthea anastasi kif ukoll laferla Insurance Agency Limited bhala agenti u ghalhekk intermedjarji tas-socjeta' assikuratrici attrici**

**vs**

**David Vella**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz fuq indikat datat is-7 ta' April tas-sena 2005 li permezz tieghu is-socjeta' attrici nomine sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun:

1. Iddikjarat unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku illi sehh fl-20 ta’ Mejju tas-sena 2004, gewwa Hal Luqa fl-ghaxra neqsin sitt minuti ta’ fil-ghodu, bejn il-vettura tal-marka Toyota Tercel, bin-numru ta’ registrazzjoni LCG – 838, koperta mis-socjeta’ attrici Middlesea Insurance plc taht polza ta’ assikurazzjoni “comprehensive” numru 071263-31/12, proprjeta’ u misjuqa minn Anthea Anastasi u l-vettura tal-marka Isuzu Erf bin-numru ta’ registrazzjoni BBH – 835 misjuqa mill-konvenut, liema incident gara unikament minhabba t-tort, traskuragni u nuqqas ta’ osservazzjoni tar-regolamenti tat-traffiku da parte tal-konvenut, u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-assikurata tas-socjeta’ attrici;

2. Illi tillikwida dawn id-danni residwali fis-somma globali ta’ elf, seba’ mija u sittin Lira Maltin, (LM1,760.00,0), jew somma verjuri illi tigi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti bl-opera ta’ periti u esperti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici Middlesea Insurance plc u lill-imsemmija attrici Anthea Anastasi s-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsa u tletin Lira Maltin, (LM1,735.00,0), u s-somma ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0), rispettivament, jew somom verjuri li jigu likwidati minn dina l-qorti in liena ta’ danni, u dan skond l-annessa Skeda ta’ Danni mmarkata “Dok. A”;

4. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-konsulent li jammontaw ghal ghaxar Liri Maltin, (LM10.00,0), u ta’ l-ittra bonarja datata it-12 ta’ Lulju tas-sena 2004 li tammonta ghal tmien Liri Maltin, (LM8.00,0), u bl-imghax legali mill-20 ta’ Mejju tas-sena 2004 jew data ohra stabbilita appozitament minn dina l-Onorabbli Qorti sad-data tal-pagament effettiv;

5. Illi l-konvenut hu wkoll ingunt ghas-subizzjoni;

Rat il-verbal tal-konvenut datat il-15 ta' Gunju tas-sena 2005 li prmezz tieghu informa lill-qorti li kien qieghed jikkontesta t-talbiet attrici;

Rat id-digriet taghha datat ukoll il-15 ta' Gunju tas-sena 2005 li permezz tieghu ikkoncediet ghoxrin (20) gurnata lill-konvenut ghal dan l-iskop;

Innotat li dan il-perjodu ghadda inutilment stante li l-konvenut la qatt ipprezenta n-nota fit-terminu lilu koncess, jew wara, u lanqas qatt ipprezenta ruhu fil-procedura;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi nhar l-20 ta' Mejju tas-sena 2004, ghall-habta ta' l-ghaxra neqsin sitt minuti ta' fil-ghaxija, (9:54pm), l-attrici Anthea Anastasi kienet qed issuq il-vettura taghha tal-marka Toyota Tercel, bin-numru ta' registrazzjoni LCG – 838, fil-telgha li minn Hal Qormi taghti ghal Hal Luqa;

2. Illi hekk kif l-attrici kienet qed issuq ghall-affari taghha u fil-karreggjata taghha tat-triq, rat dawl isfar gej b'velocita' qawwija, ghal fuqha mid-direzzjoni opposta;

3. Illi konsegwenza ta' dan, l-attrici giet mitfugha f'gandott;

4. Illi l-vettura li dahlet fuq dik misjuqa mill-attrici irrizultat li kienet vann ta' kulur abjad misjuq mill-konvenut;

5. Illi effett ta’ l-incident de quo il-vettura ta’ l-attrici soffriet danni ingenti u giet eventwalment certifikata “beyond economical repairs”;

6. Illi l-attrici Anthea Anastasi hallset lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0);

7. Illi s-socjeta’ attrici hallset lill-attrici s-somma ta’ elf, seba’ mija u hamsin Lira Maltin, (LM1,750.00,0), u l-karozza, u giet surrogata fid-drittijiet ta’ l-attrici sknd il-ligi, (ara fol 25);

Ikkunsidrat:

Illi stante li l-konvenut naqas li jipprezenta ruhu biex jikkontradixxi s-suespost, m’ghandha l-ebda raguni ghaliex m’ghandhiex tistrieh kompletament fuq il-fatti kif jirrizultawlha;

Ghaldaqstant din il-qorti takkolji t-talbiet attrici u konsegwentement:

1. Tiddikjara li l-konvenut David Vella kien unikament responsabbli ghall-incident awtomobilistiku in dizamina fuq sintetikament espost;

2. Tillikwida d-danni fl-ammont totali ta’ elf, seba’ mija u hamsa u sebghin Lira Maltin, (LM1,775.00,0);

3. Tikkundanna lill-konvenut David Vella biex ihallas l-ammont ta’ danni hekk likwidat specifikatament b’dan il-mod:

a. Lill-attrici Anthea Anastasi l-ammont ta’ hamsa u ghoxrin Lira Maltin, (LM25.00,0);

b. Lis-socjeta’ attrici Middlesea Insurance p.l.c. fl-ammont ta’ elf, seba’ mija u hamsin Lira Maltin, (LM1,750.00,0);

c. Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet rispettivament dovuti sa mill-ittra ufficcjali datata t-8 ta' Lulju tas-sena 2005.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------